Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Marzu 2024**
**(OR. en)**

**6632/24**

**SOC 110**
**EMPL 61**
**SAN 86**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti wieħed tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għad-Danimarka |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**li taħtar membru supplenti wieħed tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għad-Danimarka**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

[1] ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2022[2], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.

(2) Il-Gvern tad-Danimarka ppreżenta nomina għal post vakanti wieħed li għandu jimtela,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta’ Frar 2022 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta’ Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1).

*Artikolu 1*

Il-persuna li ġejja hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2025:

I. RAPPREŻENTANTI TA' MIN IĦADDEM

| Stat Membru | Membru | Supplenti |
|---|---|---|
| Danimarka | | Is-Sa Christina Sode HASLUND |

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmuli fi ... ,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*